A.L. 53 ta' l-1982

ATT TA' L-1977 DWAR IL-MINISTERU TAT-TURIŻMU (ATT NRU. XXXVI TA' L-1977)

Regolamenti ta' l-1982 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Turiżmu)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1977 dwar il-Ministeru tat-Turiżmu, il-Ministru tat-Turiżmu, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1982 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Turiżmu) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1977 dwar id-Drittijiet (Turiżmu), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 158 ta' l-1977

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tarf ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu l-partiti ġodda li ġejjin:

L-Ewwel Kolonna		It-Tieni Kolonna
"J.	Detentur ta' liċenza ta' kjosk —	
Klassi I	kjosk fiss, kjosk jew *canteen* mobbli	£175
Klassi II	Bejjiegħa tat-toroq li jbiegħu *refreshments* minn vettura li ma tkunx klassifikata mill-Pulizija bħala kjosk jew *canteen* mobbli	£ 70
K.	Editur ta' pubblikazzjoni turistika —	
(a)	pubblikazzjoni li jkollha 4 riproduzzjonijiet stampati bil-kulur jew iktar	£ 90
(b)	pubblikazzjoni li jkollha mhux iktar minn 3 riproduzzjonijiet stampati bil-kulur ...	£ 70

Il-kontribuzzjonijiet jingabru għal pubblikazzjonijiet turistiċi maħruġa kull ħmistax, kull xahar, jew kull tlett xhur.".